**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' April, 2002

**Numru 38**

**Avviz. numru 322/02JR**

**MiddleSea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha James Edward Kew u l-istess James Edward Kew**

**vs**

**Michael Chircop**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-12 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u sittin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm1060.66), u fejn intqal:**

**Illi fit-28 ta' Ottubru, 2000, il-vettura ta' l-attur James Edward Kew bin-numru AAQ-607, kienet involuta f'incident tat-traffiku ma' vettura ohra bin-numru DAI-207 misjuqa mill-konvenut;**

**Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, liema incident sehh unikament bhala risultat tat-traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut;**

**Illi l-attur kien thallas mis-socjeta` attrici ai termini tal-polza ta' l-assigurazzjoni, bl-eccezzjoni ta' l-excess;**

**Illi d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' l-incident in kwistjoni, jammontaw ghas-somma ta' elf u sittin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm1060.66);**

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux jinsab unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, kif ukoll kundannat ihallas lill-atturi s-somma fuq indikata ta' elf u sittin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm1060.66);**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Awissu, 2001,u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Stefan Camilleri ghall-atturi li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta l-1995, it-Tribunal jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo, u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u sittin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm1060.66), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Awissu, 2001, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**